# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

IMHALLEF

ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

Seduta ta' nhar it-12 Marzu 1999

Numru 2

Citaz. numru 292/98 DS

OSCAR DELIA NOE

VS

JOHN PISANI

Il-Qorti,

Rat ir-rikors u d-digriet precedenti;

Rat ir-risposta ta' l-intimat nomine;

Rat l-atti l-ohra tar-rikors u d-dokumenti esebiti;

Trattat ir-rikors;

Ikkunsidrat illi:-

L-artikolu 253 tal-Kap. 12 jipprovdi li huma titoli esekuttivi, inter alia, "(b) il-kuntratti ricevuti minn nutar pubbliku ta'

Malta, jew minn ufficjal pubbliku iehor awtorizzat li jircevihom, meta l-kuntratt huwa dwar dejn cert likwidu u li ghalaq, u ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt";

Ir-rikorrent John Pisani qieghed isostni li l-kuntratt li huwa esebixxa ta' l-20 ta' Frar 1992 mhuwiex "kostituzzjoni ta' debitu" izda "kostituzzjoni ta' ipoteka" u ghalhekk mhux ezegwibbli skond l-imsemmi artikolu 253 (b). L-intimat nomine sostna li bil-kuntratt imsemmi, ir-rikorrent sahhah l-obbligu tieghu naxxanti mill-iskrittura privata tad-19 ta' Frar 1992, accetta d-debitu u l-kondizzjonijiet relattivi u offra ipoteka specjali fuq il-fond "Poloni", Swieqi Road, Swieqi, u ghalhekk il-kuntratt huwa dwar dejn li huwa cert, likwidu u li jaghlaq.

L-ewwelnett jinghad li fil-kuntratt ta' l-20 ta' Frar 1992 gie indikat li l-iskrittura privata hija datata 15 ta' Frar 1992. Il-partijiet qablu li din id-data hija zbaljata u li r-riferenza kellha tkun ghad-19 ta' Frar 1992, l-iskrittura li kopja taghha giet esebita bhala Dok. B.

Apparti tali kjarifika, il-Qorti tosserva li anke l-premessa li saret dwar bejgh tal-kirja ta' l-Astoria Hotel hija erroneja peress li mill-istess skrittura privata jirrizulta li t-trasferiment sar lis-socjeta' J.J.L. Co. Ltd. u ma tarax ghalfejn att nutarili ma kellux jindika l-affarijiet hekk kif kienu.

Ciononostante mill-iskrittura privata jidher li r-rikorrent John Pisani deher ukoll f'ismu personali u difatti insibu miktub hekk:

"There also appears on this agreement the abovesaid John Pisani personally who guarantees in solidum jointly and severally the obligations hereon accepted by Pisani noe, and if Pisani noe defaults in his any or all obbligation/s Becker Ltd. can seek payment and fulfilment of same from Pisani personally without having to first seek redress or fulfilment from Pisani noe.

In security of the fulfilment of the above payments...., Pisani personally is contemporaneously granting a special hypothec for Lm73,000 on his premises "Poloni", Swieqi Road, Swieqi which will rank second to a prior Lohombus hypothec".

Jidher ghalhekk li bl-ipoteka li giet kostitwita permezz tal-kuntratt tal-20 ta' Frar 1992, ir-rikorrent kien qieghed jikkonforma ruhu u jikkonferma l-obbligu minnu assunt fl-iskrittura privata li jidhol bhala garanti solidali mas-socjeta' J.J.L. Co. Ltd. Ghalhekk, u anke mid-dicitura tal-kumplament tal-kuntratt ta' l-20 ta' Frar 1992 (bhall paragrafu li jibda: "Should appearer John Pisani default in his obligations of paying any the abovementioned instalments by the indicated dates.........") ma jistax jinghad li mhuwiex kuntratt dwar "dejn cert likwidu u li ghalaq".

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

Grazio Galea
Dep./Reg.